# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 22 FRAR - MARZU, 1967

### IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

"Leħen il-Parroċċa" kien maħnuq f'dawn l-aħħar ftit xhur, imma issa reġa' akkwista mill-ġdid il-vuċi tiegħu, u nisperaw li għall-futur ma jerġax jiġrilu l-istess. Wara din is-sikta twila għandi ħafna "kelmiet" x'ngħidilkom, fuq diversi ħwejjeġ.

● Din is-sena għandha tkun sena storika għall-parroċċa tagħna għax nisperaw li tara l-ftuħ tal-Knisja l-ġdida. Nixtieq li tinteressaw irwieħkom fiha din il-biċċa xogħol, u tħossu li din hija d-dar t'Alla u tal-ġiljaniżi kollha. Jien inżommkom infurmati kemm nista' bil-progress tagħha, u nispera li nara aktar entużjażmu u ħeġġa min-naħa tagħkom.

● Dalwaqt jibdew l-Eżerċizzi tar-Randan. Issibu l-programm kollu f'parti oħra ta' dan il-foljett. Tħallux din l-okkażjoni li tisimgħu l-kelma t'Alla tgħaddi mingħajr ma tipprofettaw irwieħkom minnha. Biddilna xi ftit id-dati mis-snin ta' qabel biex ma nagħmlux l-istess korsijiet fl-istess żmien u fl-istess ħin li jkunu qed isiru fi knejjes oħra fil-parroċċa tagħna. Dan għamilnieh għall-kumdita tagħkom biex ikollhom fejn tagħżlu. L-aqwa li tagħmluhom x'imkien l-eżerċizzi.

● L-aħħar kelma fuq il-bullettini. Għalkemm qassamt ħafna ma naħsibx li ser nilħaq indur il-parroċċa kollha, għax imxejt bil-mod aktar milli kkalkolajt. Għalhekk dawk li ma nilħaqx nagħtihom il-ġodda, jibdlu l-qodma li għandhom meta jagħmlu l-preċett.

Inselli għalikom ħafna u l-Bambin iberikkom.

IL-KAPPILLAN.

**Fis-17 ta' Marzu li ġej, festa tad-Duluri, ser inqaddsu l-EWWEL QUDDIESA fil-Knisja l-ġdida fis-6.30 p.m. Tonqsux li tkunu preżenti għal dan l-avveniment storiku għall-parroċċa tagħna.**

**RENDIKONT ĠENERALI TAS-SENA 1966**

Qiegħed nippubblikalkom dan ir-rendikont dettaljat biex ikollkom sodisfazzjon ta' kemm daħħalna flus matul is-sena li għaddiet, kemm infaqna u kif infaqnihom. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwew, li għenu biex jinġabru l-flus u li tawna xi xogħol ieħor li bih iffrankajna l-flus.

**D Ħ U L**

| | | |
|---|---|---|
| 1) | Ġbir mill-Knisja | £1225 - 17 - 2 |
| 2) | Drittijiet tal-Knisja minn funerali, Żwiġijiet, Quddies Kantat, eċċ. | 110 - 14 - 6 |
| 3) | Dħul minn Legati u Fondazzjonijiet | 54 - 10 - 0 |
| 4) | Offerti waqt it-Tqassim tax-Xemgħa tal-Gandlora | 10 - 17 - 7 |
| 5) | Ġbir mill-Knisja tal-Kunċizzjoni | 251 - 1 - 11 |
| 6) | Interessi minn Kapitali l-Bank | 260 - 0 - 0 |
| 7) | Bejgħ tal-ġebel għall-Knisja l-Ġdida | 321 - 12 - 6 |
| 8) | Donazzjonijiet għall-Knisja l-Ġdida | 1296 - 0 - 0 |
| 9) | Mill-bottijiet fil-ħwienet | 70 - 3 - 11 |
| 10) | Ġbir ta' kull ġimgħa mid-djar | 432 - 1 - 6 |
| 11) | Ġabriet għall-Knisja l-Ġdida fl-Eżerċizzi | 47 - 12 - 8 |
| 12) | Profitti minn Fieri, Tombli u Lotteriji | 189 - 10 - 11 |
| 13) | Profitti minn Tiġijiet fis-St. Julian's Hall | 166 - 10 - 0 |
| 14) | Ġbir mill-kaxxa tal-ħobż ta' S. Antnin | 61 - 12 - 11 |
| 15) | Kera minn dar f'Imrabat Road | 60 - 0 - 0 |
| 16) | Ġbir għall-festa ta' San Ġiljan | 761 - 10 - 1 |
| 17) | Kontribuzzjonijiet lill-Madonna tas-Sokkors | 38 - 15 - 0 |
| 18) | Qligħ mill-Fiera tal-Milied | 255 - 11 - 8 |
| 19) | Ġbir għall-festa tal-Qalb ta' Ġesu | 31 - 10 - 3 |
| | **TOTAL:** | **£5646 - 1 - 7** |

**Ħ R U Ġ**

| | | |
|---|---|---|
| 1) | Ħlas lis-saċerdoti | £ 527 - 1 - 6 |
| 2) | Ilma u dawl fil-Knisja, Knisja l-Ġdida u fis-St. Julian's Hall | 51 - 11 - 8 |
| 3) | Ostji u Inbid għall-quddiesa | 42 - 11 - 8 |
| 4) | Xemgħa | 59 - 2 - 8 |
| 5) | Drittijiet lill-Opri Djoċesani | 8 - 12 - 0 |
| 6) | Spejjeż oħra fil-manutensjoni tal-Knisja | 131 - 9 - 7 |
| 7) | Għajnuna lill-foqra u lill-familji fil-bżonn | 85 - 8 - 0 |
| 8) | Ċens fuq l-art tal-Knisja l-Ġdida | 5 - 11 - 0 |
| 9) | Ħlas lill-Perit u lill-Kuntrattur tal-Knisja l-Ġdida | 2050 - 0 - 0 |
| 10) | Spejjeż oħra fil-Knisja l-Ġdida u f'St. Julian's Hall | 98 - 10 - 2 |
| 11) | Spejjeż għall-istampar ta' Leħen il-Parroċċa | 21 - 0 - 0 |
| 12) | Spejjeż għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġiljan | 598 - 12 - 8 |
| 13) | Spejjeż għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu | 36 - 17 - 2 |
| 14) | Manutensjoni tal-Knisja tal-Kunċizzjoni | 150 - 4 - 0 |
| 15) | Istallazzjoni tal-ilma u drenaġġ fil-Knisja tal-Kunċizzjoni | 68 - 14 - 3 |
| | **TOTAL** | **£3980 - 6 - 4** |

DĦUL TOTALI ................. £5646 - - 7
ĦRUĠ TOTALI ................. £3980 - 6 - 4
BILANĊ ......................... £1665 - 15 - 3

## MULEJ, AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

| | | |
|---|---|---|
| 21. 9. 66 | Emmanwela Mifsud (57 sena) ta' 94 B'Kara Hill. |
| 25. 9. 66 | Antonio Galea (54 sena) ta' 48, Lapsi Street. |
| 27. 9. 66 | Joseph Pastura (63 sena) ta' 122, B'Kara Hill. |
| 9. 10. 66 | Ethel Cullen (79 sena) ta' 105, Main Street. |
| 9. 10. 66 | Mose' Bonello (73 sena) ta' 9, Imrabat Road. |
| 13. 10. 66 | Carmela Grech (41 sena) ta' 36, Old College Str. |
| 27. 10. 66 | Antonio Bonello (60 sena) ta' 17, Wied Għomor Str. |
| 5. 11. 66 | Carmela Borg (68 sena) ta' 94, Mensija Str. |
| 7. 11. 66 | Carmelo Galea (76 sena) ta' 23, B'Kara Hill. |
| 9. 11. 66 | Emilia Ellul (81 sena) ta' 120, Old College Str. |
| 15. 11. 66 | Angelo Carmelo Debattista (5 snin) ta' Dolly House, Paceville, Ave. |
| 19. 11. 66 | Joseph Micallef (63 sena) ta' 64, B'Kara Road. |
| 23. 11. 66 | Joseph Mamo (79 sena) ta' 128, Main Str. |
| 25. 11. 66 | Josephine Pisani (55 sena) ta' 48, Old College Str. |
| 25. 11. 66 | Henry Manche' (69 sena) ta' "Eileen," P'ville Ave. |
| 26. 11. 66 | Joseph Coppini (63 sena) ta' Mrabat Road. |
| 20. 12. 66 | Maria Fenech (38 sena) ta' 37, Mensija Street. |
| 6. 1. 67 | Dr. Antonio Buşuttil (67 sena) ta' 10, B'Kara Hill. |
| 18. 1. 67 | Joseph Micallef (73 sena) ta' 65, B'Kara Road. |
| 5. 2. 67 | Alfred Mizzi (74 sena) ta' 47/4, Main Str. |
| 6. 2. 67 | Antoinette Scicluna (baby) ta' 28, Forrest Str. |

---

## NIFIRĦU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

| | |
|---|---|
| 29. 9. 66 | Anthony S. Schembri (Sliema) ma' Maria Caruana (San Ġiljan). |
| 1. 10. 66 | David S. Roulston ma' aMry Bezzina (San Ġiljan). |
| 16. 10. 66 | Anthony Spiteri ma' Therese Fenech (San Ġiljan). |
| 23. 10. 66 | John Taliana (Ħamrun) ma' Margaret Stellini (San Ġiljan). |
| 19. 11. 66 | Bartholomew Montfort (Sliema) ma' Lucia Chetcuti (San Ġiljan). |
| 20. 11. 66 | Paul Vella (Rabat) ma' Doris Caruana (San Ġiljan). |
| 26. 11. 66 | Alfred Sultana (Gżira) ma' M'Konċetta Caruana (San Ġiljan). |
| 10. 12. 66 | George Wright ma' Iris M. Tanti (San Ġiljan). |
| 17. 12. 66 | Joseph Bonnici ma' Rosemary F. Goulding (San Ġiljan). |
| 24. 12. 66 | Joseph Spiteri ma' Therese M. Borg (San Ġiljan). |
| 26. 12. 66 | Alfred Zammit (Sliema) ma' Carmela Fabri (San Ġiljan). |
| 31. 12. 66 | John Gracey ma' Josephine Decesare (San Ġiljan). |
| 8. 1. 67 | Frankie Grech ma' Nina Attard (San Ġiljan). |
| 14. 1. 67 | Alfred Borg ma' Frida Semini (San Ġiljan). |
| 28. 1. 67 | Carmel Camilleri (Sliema) ma' Doris Sammut (San Ġiljan). |
| 4. 2. 67 | Saviour Stivala (San Ġiljan) ma' Maryrose Scerri (Lija). |

## EŻERĊIZZI FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

**Għax-Xebbiet:** Mit-Tnejn, 20 ta' Frar sal-Ħadd, 26 ta' Frar. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka mill-Kan. Dun Viċens Galea.

**Għan-Nisa Miżżewġa:** Mill-Ħadd, 26 ta' Frar sal-Ħadd, 5 ta' Marzu. Fit-2.45 p.m. Rużarju u wara Priedka minn Patri Viċens Zammit O.C.D.

**Għall-Ġuvintur:** Mit-Tnejn, 27 ta' Frar sas-Sibt, 4 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka mill-Kan. Dun Ġużepp Bonello.

**Għall-Irġiel Miżżewġa:** Mit-Tnejn, 6 ta' Marzu sal-Ħadd 12 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Dun Pawl Galea, ex-Kappillan tal-Gżira.

**Għal kulħadd fil-knisja tal-Kunċizzjoni:** Mit-Tnejn, 13 ta' Marzu sas-Sibt, 18 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Dun Pawl Galea.

---

## FUNZJONIJIET OĦRA MATUL FRAR U MARZU

Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes: Fil-11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28 ta' Frar; 1, 2, 4, u 25 ta' Marzu. F'kull ġurnata tad-dehriet ikollna quddiesa bil-priedka fis-6.30 p.m.

**19 ta' Frar:** Festa tal-Via Sagra. Fil-5.00 p.m. tibda l-funzjoni li tkun tikkonsisti fi priedka mir-Rev. Kan. V. Azzopardi, kant ta' salmi bil-Malti, qari ta' lezzjonijiet, u adorazzjoni tal-Veru Linju.

**10 ta' Marzu:** Festa tal-Wiċċ ta' Kristu. Fis-7.00 a.m. quddiesa bil-Fervorin.

**12 ta' Marzu:** Pellegrinaġġ bil-mixi għall-Mellieħa. Din hija s-sitt darba li qed nagħmlu dan il-pellegrinaġġ, u kull sena n-numru ta' dawk li jieħdu sehem dejjem jiżdied. Nispera li dis-sena niksru r-rekord. Niltaqgħu fl-4.00 a.m. fil-parroċċa.

**17 ta' Marzu:** Festa tad-Duluri, fis-6.00 p.m. Purċissjoni bil-vara tad-Duluri mill-Knisja Parrokkjali sal-Knisja l-ġdida fejn issir quddiesa fis-6.30 p.m. Nixtieq li jattendi kulħadd għal dan l-avveniment storiku għall-parroċċa tagħna, l-ewwel quddies fil-Knisja l-ġdida.

**19 ta' Marzu:** Ħadd il-Palm. Fis-7.30 a.m. Funzjoni tat-tberik tal-Palm fil-knisja l-ġdida, Purċissjoni għall-parroċċa fejn issir quddiesa kantata fit-8.00 a.m.

**22 ta' Marzu:** Via Sagra fit-Toroq f'Mensija Street u Spinola Road. Nibdew mill-Kunċizzjoni fis-6.00 p.m.

**23 ta' Marzu:** Ħamis ix-Xirka. Filgħodu ma jkunx hawn quddies. Ikun hawn il-QRAR mis- 6.00 a.m. sat-8.30 a.m. Aħsbu biex tqerru filgħodu, għax filgħaxija l-qassisin kollha jkunu okkupati bil-funzjoni.
Fl-4.00 p.m. Quddiesa Letta. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. Tifkira ta' l-Aħħar Ċena ta' Sidna Ġesu Kristu. Wara l-funzjoni jibdew il-viżti tas-Sepulkru. Fl-10.30 p.m. Ora Santa quddiem is-Sepulkru.

**24 ta' Marzu:** Il-Ġimgħa l-Kbira. Tifkira tal-mewt tas-Sinjur Tagħna Ġesu Kristu. Fis-2.00 p.m. priedka. Fit-3.00 p.m. Azzjoni Liturġika li tikkonsisti f'qari ta' lezzjonijiet, talb, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.

**25 ta' Marzu:** Sibt il-Għid: Jum ta' luttu. Fl-10.30 p.m. tibda l-funzjoni tal-Velja tal-Għid, li tikkonsisti fit-tberik tan-nar il-ġdid, tal-Blandun u tal-ilma tal-magħmudija. F'nofs il-lejl, Konċelebrazzjoni Solenni.

Matul dawn il-funzjonijiet jieħdu sehem fil-Kant il-Pueri Cantores u s-St. **Julian's Choir.**

---

**Stampat fl-"Empire Press," Istitut Kattoliku, Furjana.**